**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Numru 35/2021**

**Clint Scicluna**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Clint Scicluna** ippreżentat fit-30 ta' April, 2021, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*Illi l-esponenti applika għal liċenzja ta' Gwardjan Privat iżda permezz ta' ittra datata 1 ta' April 2021 il-Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta tali applikazzjoni ai termini ta' l-Art. 10(a)(i) u 10 (b) tal-Kap 389;*

***Raġunijiet għal Appell***

*Illi ai termini ta' l-Art. 11(3) ir-rikorrenti qiegħed jinterponi tali appell minħabba s-segwenti:*

1. *Illi għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni tal-intimat ai termini ta' l-Art 10(a)(i) jingħad illi fis-sentenza tat-tnejn u għoxrin(22) ta' Lulju elfejn u tlieta (2003) il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Imħallef A.Micallef Trigona illiberat lill-esponenti taħt liberazzjoni kundizzjonata għal perjodu ta' tlett snin u dan skont Art.22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta'Malta. Illi l-esponenti ma wettaq l-ebda reat punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza.*

2. *Illi l-esponenti għamel tfixxija għas-sentenza ta' nhar id-disa(9) ta' Mejju kif huwa stipulat fl-ittra, iżda tali sentenza ma nstabitx fl-arkivji tal-Qrati. Għaldaqstant, fir-rigward tali sentenza l-esponent qiegħed jirriserva li jagħmel dawn is-sottomissjonijiet la darba kopja tagħha tiġi ppreżentata fl-atti.*

3. *Illi fis-sentenza li ġiet deċiża fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju elfejn u tlieta (2003) il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Saviour Demicoli ordnat illi l-esponenti tingħatalu sentenza sospiża ta' sentejn u sitt xhur, filwaqt li fis-sentenza tas-sebgħa u għoxrin (27) ta'Novembru elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Edwina Grima ordnat illi l-esponenti tingħatalu sentenza sospiża ta' sena u dan skont Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi l-esponent ma kkometta l-ebda reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenzi fejn immatura u fehem it-tgħalima mogħtija lilu mil-Qorti.*

5. *Illi jingħad ukoll il filwaqt li l-aħħar sentenza mogħtija tirrisali għas-sena 2012, hija dwar akkużi tirrisali għas-sena elfejn u sebgħa, ossia meta l-esponent kien relitivament ta' eta` żgħira.*

6. *Illi l-esponent umilment jissottometti li mhux minnu li d-deċiżżjoni ta' l-intimat hija fl-interess pubbliku li tiġi rifjuta dik il-liċenża u dan peress li ma jeżistux raġunijiet li jikkonfermaw dan u jinkombi fuq l-intimat sabiex jfisser fid-dettall kif wasal għal din id-deċiżjoni ai termini ta'Artikolu 10(b).*

7. *Illi llum il-ġurnata għaddew 'l fuq minn erbatax-il sena mill-aħħar reat. Illi f'dawn l-aħħar erbatax-il sena l-esponent ma kellux l-ebda proċeduri ġudizzjarji jew rapport mal-Pulizija fejn mmatura u qiegħed ifittex jiftaħ lilu nnifsu għal aktar opportunitajiet għax-xogħol.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas suespost, ir-rikorrenti huwa persuna li jgħix ħajja tajba u m'għandux affarjiet li jipprekluduh milli jingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat kif ser jiġi ppruvat fil-proċeduri odjerni;*

*Għal dawn il-motivi, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jirrevoka d-deċiżżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata permezz ta' ittra datata 1 ta' April 2021 u jordna lill-istess intimat sabiex tinħareġ il-liċenza favur ir-rikorrenti fi żmien qasir.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fil-21 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn, u għall-kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi preliminarjament, jiġi eċċepit li din l-azzjoni hija afflitta minn nuqqas ta' interess ġuridiku ġjaladarba l-esponent la qatt ma rċieva u wisq anqas qatt ma ddeċieda dwar applikazzjoni għal ħruġ tal-liċenzja ta' gwardjan privat mingħand ir-rikorrent bil-karta tal-identita` indikata;*

3. *Illi magħdud mal-premess u in linea preliminari wkoll, qiegħed jiġi rilevat li n-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent kif indikata, ċioe' 310286M, ma tikombaċċax man-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna li l-esponent effettivament irrifjutalu l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' gwardjan privat, liem numru tal-Karta tal-Identita` huwa 406286M. Għalhekk it-talbiet kif dedotti huma improponibbli u konsegwentement jeħtieġ li tintalab korrezzjoni tal-okkju ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din l-azzjoni tkun tista' tissokta;*

4. *Illi fit-tielet premessa r-rikorrent jirreferi għal sentenza li ġiet deċiża fil-21 ta' Mejju 2003 fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali -preseduta mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli. F'dan ir-rigward l-esponent jespleta li tali sentenza ngħatat lil Clint Scicluna bin-numru tal-Karta tal-Identita' 310286(M), liem persuna m'għandhiex interess ġuridiku f'din l-azzjoni għaliex l-esponent irrifjuta biss l-applikazzjoni ta' Clint Scicluna bin-numru tal-Karta tal-Identita' 406286M u b'hekk tali sentenza m'hijiex relevanti għall-azzjoni odjerna;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta l-applikazzjoni għall-liċenzja ta` gwardjan privat abbażi tal-Artikoli 10(a)(i) u 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

6. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent, fuq ammissjoni tiegħu stess, instab ħati nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju, 2007, talli flimkien ma' terzi persuni "nhar it-3 ta' Ġunju, 2007, ġewwa Triq Balbi, Marsa, ġewwa Pjazza Balbi, Marsa u ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Marsa f'diversi ħinijiet differenti ta' wara nofsinhar b'diversi atti" wettqu diversi reati kontra membri tal-Korp tal-Pulizija u terza persuna, fosthom, "<u>Inġurjaw jew heddew jew għamlu offiża fuq il-persuni ta'</u> <u>diversi membri tal-Korp tal-Pulizija</u> ", kif ukoll "<u>volontarjament kisru il-buon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u</u>*

*ġlied u ... xewwxu pubblikament persuni oħra sabiex jinħoloq reat u ... sabiex jiskru il-liġi". Magħdud mal-premess, bi ksur tal-kundizzjoni mgħotija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza sopraindikata, ir-rikorrent instab ħati ta' pussess tad-droga kokajina f'sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2012 u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju esponent jikkunsidra dawn ir-reati kumplessivi, speċjalment dawk tal-inġurji u vjolenza kontra l-uffiċjali pubbliċi u l-pussess tad-droga, bħala gravi ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

7. *Illi l-Artikolu 10(a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

8. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli;*

9. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa preklużli jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

10. *Illi inoltre ma jistax jitqies li mhux fl-interess pubbliku li tiġi rifjutata tali applikazzjoni meta r-rikorrent instab ħati fid-9 ta' Mejju 2003 talli volontarjament għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EAJ-39 taħt liberazzjoni kundizzjonata għal sentejn skont l-artiklu 22 tal-Kap. 446, u ftit wara fit-22 ta' Lulju 2003 instab ħati talli assista u għen fl-għoti ta' nar fir-residenza bl-isem 'Villa Yorchis'. Magħdud mal-premess, fl-4 ta' Lulju 2007, kif suespost, ir-rikorrent instab ħati ta' diversi reati, fosthom ta' theddid u inġurji lil membri tal-Korp tal-Pulizija u ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika u f'sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent instab ħati, wara li ammetta, ta' pussess ta' kokajina u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre dan tal-aħħar sar bi ksur tal-kundizzjoni mgħotija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Lulju 2007 mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima;*

11. *Illi l-esponent jirrileva wkoll li fid-dawl ta' bosta kunsiderazzjonijiet, fosthom ir-reati supraindikati u dawk kollha li huma elenkati fil-fedina penali, hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', il-Kummissarju esponent ma setax jilqa' l-applikazzjoni, u dan skont il-kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent huwa tal-umli fehma li Clint Scicluna għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolu u mhux jaġixxi b'atti li suppost qed jipprevjeni hu stess f'każ li jingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra r-reati kommessi, l-esponent ma jħossx li r-rikorrent huwa persuna idonea sabiex jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Huwa għalhekk raġjonevoli li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

12. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrent irid jirrikonoxxi li l-liċenzja li applika għaliha ġġorr magħha ċertu piż u responsabilità. Dan peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. F'din is-sentenza, fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,*** *deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li għalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` ħtija għal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` ħtija għal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu għat-twettiq ta` dak ir-reat ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta` Gwardjan Privat. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ġustament ħa dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta` liċenza ta` Gwardjan Privat......*

> *B'hekk għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwhiex ta` xi minaċċa għas-soċjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` ġid għalih u għas-soċjeta`. Konsegwentement għalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[1]

13. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe` mhux biss b'rabta ma`xi biża` illi l-applikant jista`jkun ta`xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent;*

14. *Illi finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Ra l-affidavits ippreżentati mir-rikorrent;

Ra n-Nota tal-Kummissarju intimat ippreżentata fid-19 ta' Mejju, 2022;

Sema' lir-rikorrent u lil Nadesh Scicluna in kontro-eżami;

Ra d-dokumenti kollha ippreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata l-1 ta' April, 2021, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti.

*"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.*

*Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata peress illi jirriżulta li inti, instabt ħati ta' delitt gravi u fl-interess pubbliku, dan ai termini tal-Artikoli 10(a)(i) u 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Dan qiegħed isir wara li ġew ikkunsidrati sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħek mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula:*

i) *Nhar is-27 ta' Novembru, 2021, dwar droga, fost akkużi oħra;*

ii) *Nhar l-4 ta' Lulju, 2007, dwar inġurji u theddid fuq uffiċjal pubbliku, fost akkużi oħra;*

iii) *Nhar it-22 ta' Lulju, 2003, dwar ħsara volontarja fost akkużi oħra;*

iv) *Nhar id-9 ta' Mejju, 2003, dwar ħsara volontarja.*

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jgħaddi biex jindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat, u ċioè, li l-Avukat tal-Istat ma ġiex notifikat b'dawn il-proċeduri ai termini tal-artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal diġà kellu l-okkażjoni diversi drabi jippronunzja ruħu dwar din l-eċċezzjoni. Minkejja dan, għal xi raġuni l-istess eċċezzjoni baqgħet tingħata fi proċeduri bħal dawk odjerni. It-Tribunal jirrileva illi dawn il-proċeduri huma proċeduri taħt liġi speċjali, u ċioè taħt il-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Kapitolu jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita quddiem dan it-Tribunal. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma huwiex tassattiv illi r-rikors promotur jiġi notifikat lill-Avukat tal-Istat. Huwa biżżejjed li r-rikors promotur jiġi indirizzat kontra l-entità governattiva li tkun ħarġet l-att amministrattiv impunjat. Kwindi l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Illi fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' eċċezzjoni, it-Tribunal se jkun qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħhom peress li dawn ġew sorvolati billi ġiet awtozzata korrezzjoni tal-Karta tal-Identita` tar-rikorrent.

Illi għalhekk it-Tribunal se jgħaddi biex jinvesti l-mertu tal-appell.

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq żewġ disposizzjonijiet distinti tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`, u ċioe` artikolu 10 (a) (i) u artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-Tribunal se jinvesti l-ewwel ir-raġuni tar-rifjut abbażi tal-artikolu 10 (a) (i). Dan l-artikolu jgħid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***ghandu**[2]* *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi* ***delitt gravi ieħor****;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma huwiex wieħed mir-reati msemmija espressament fl-istess sub-inċiż, jistax jiġi kkunsidrat bħala delitt gravi jew le.

Illi jirriżulta illi l-Kummissarju tal-Pulizija, fil-konsiderazzjoni tiegħu tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ħa in konsiderazzjoni prinċipalment erba' (4) sentenzi li ġew esebiti minnu minn fol. 66 sa fol. 79. Minn qari ta' dawn is-sentenzi jirriżulta s-segwenti:

1. Fid-9 ta' Mejju, 2003, instab ħati li f'April, 2003, flimkien ma' oħrajn, wettaq ħsara volontarja fuq vettura, liema ħsara kienet iktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500). Fuq ammissjoni r-rikorrent ġie **lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.**
2. Fit-22 ta' Lulju, 2003, instab ħati li f'Marzu, 2003, flimkien ma' oħrajn, għen f'tentattiv biex tingħata n-nar residenza. Fuq ammissjoni ġie **lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin.**
3. Fl-4 ta' Lulju, 2007, instab ħati li f'Ġunju, 2007, flimkien ma' oħrajn, fost affarijiet oħra nġurja, hedded jew għamel offiża fuq uffiċjali tal-Korp tal-

[2] Enfasi tat-Tribunal

Pulizija u xewwex pubblikament persuni biex jinħoloq reat, li ħebb kontra terza persuna, li pprova jirreżisti bi vjolenza jew b'ħebb uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija. Fuq ammissjoni r-rikorrent ġie **lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.**

4. Fis-27 ta' Novembru, 2012, instab ħati li f'Novembru, 2007, kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina u kif ukoll li kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza ta' liberta' kundizzjonata tal-4 ta' Lulju, 2007. Fuq ammissjoni r-rikorrent ġie kundannat **multa ta' ħames mitt ewro (€500) u sena priġunerija sospiża għal sena.**

Mill-fedina penali jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti wettaq ukoll xi reati minuri fl-2003 u fl-2006.

Illi għalhekk jirriżulta illi għal tlieta mill-erba' sentenzi li abbażi tagħhom il-Kummissarju intimat ħareġ ir-rifjut tiegħu, ir-rikorrent ġie trattat b'sanzjoni komunitarja.

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta *dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment* ***għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun***,[3] *minbarra – (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat.*

Applikat dak dispost fl-artikolu tal-Liġi appena ċitat għad-deċiżjonijiet elenkati minn numru 1 sa 3 iktar 'il fuq, jirriżulta b'mod ċar li għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, salv għal dawk il-każijiet speċifikatament stipulati fl-istess artikolu tal-Liġi, dawk id-deċiżjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala dikjarazzjoni ta' ħtija. Konsegwentement għalhekk il-Kummissarju intimat ma setax iqis li bl-istess sentenzi r-rikorrent instab ħati ta' delitt gravi ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju tal-Pulizija ma setax arbitrarjament jagħti tifsira ġuridika għal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Liġi għas-sentenzi li permezz tagħhom ir-rikorrenti ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor. Kif intqal fis-sentenza **Carl Grima vs Kummissarju tal-Pulizija** deċiża minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fil-25 ta' Settembru, 2012, *"Kemm-il darba l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward kellu jiġi aċċettat bħala korrett jkunu qed jiġu serjament ippreġudikati*

---

[3] Enfasi tat-Tribunal

*l-uniformità u l-istabilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali għar-retta amministrazzjoni tal-Liġi u tal-ġustizzja fil-konfront ta' kulħadd. B'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx ġustifikat li jiċħad it-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta' Liċenzja ta' Gwardjan Privat skont l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Illi l-uniku sentenza li l-Kummissarju intimat seta' jistrieħ fuqha ai fini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 kienet biss is-sentenza tas-27 ta' Novembru, 2012. Għalhekk dak li jrid jagħmel dan it-Tribunal huwa jara jekk ir-reat li tiegħu instab ħati permezz taċ-ċitata sentenza, u ċioe` pussess ta' kokaina u ksur ta' sentenza ta' liberta` kondizzjonata, jistgħux jiqiesu bħala "delitt gravi ieħor". Illi in vista li r-rikorrent kien ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, is-sentenza ma fiha ebda dettalji dwar l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tiegħu. Madanakollu dan it-Tribunal għandu għaliex jifhem li l-ammont kien wieħed żgħir għaliex altrimenti kien ikun akkużat b'reati iktar serji, bħal pereżempju traffikar jew pussess aggravat. Illi lanqas ma dan it-Tribunal ġie pprovdut b'xi xorta ta' prova oħra da parti tal-Kummissarju intimat dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li ma jistax jimminimizza s-serjeta` tar-reat ta' pussess tad-droga kokaina, ma huwiex tal-opinjoni illi l-istess reat jista' jiġi ekwiparat mal-gravita` tar-reati l-oħra elenkati f'artikolu 10 (a) (i) u ċioe`:

1. Omiċidju volonarju għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat priġunerija għal għomru;
2. Offiża gravi fuq il-persuna għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat sa massimu ta' għaxar snin priġunerija;
3. Delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza, għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat għal massimu ta' tliet snin priġunerija;
4. Delitt kontra l-fiduċja pubblika. It-Tribunal josserva illi dawn ir-reati jistgħu ikunu varji u kull wieħed jattira miegħu piena differenti fejn l-iktar reat gravi huwa dak ta' manifatturar ta' flus għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat sa għaxar snin priġunerija.

Illi jekk wieħed jeżamina l-piena abbinata ma' dawn iċ-ċitati reati wieħed jirrealizza l-gravita` tagħhom għaliex il-piena hija waħda ta' ċertu portata mentri l-piena għal pussess tad-droga kokaina hija ta' massimu ta' tnax-il xahar priġunerija jew multa minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan il-każ il-Kummissarju intimat eżerċita d-diskrezzjoni mħollija f'idejh b'mod żbaljat meta kklassifika tlieta` mill-erba' sentenzi elenkati iktar 'il fuq bħala **<u>sentenzi ta' sejbien ta' ħtija</u>** u wkoll meta kkunsidra d-delitt ta' pussess ta' droga kokaina bħala "delitt gravi" ai fini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal se jgħaddi issa biex jinvesti t-tieni bażi tar-rifjut, u ċioe`, dak skont artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi skont dan l-artikolu, il-Kummissarju intimat **<u>għandu</u>** jirrifjuta li jagħti liċenzja jekk jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jagħmel hekk. Hawnhekk il-Kummissarju, a differenza ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu diskrezzjoni iktar wiesgħa, fejn meta jiġi biex jeżerċitaha irid iżomm bilanċ bejn l-interess tas-soċjeta` in ġenerali u d-dritt tal-applikant li jottjeni l-liċenzja *de quo*. Illi t-Tribunal jaqbel illi persuna m'għandhiex tibqa' ittimbrata għal ħajjitha kollha bi żball li kienet għamlet fil-passat, pero` biex dan isir irid jintwera effettivament illi l-persuna bidlet ir-rotta ta' ħajjitha.

Illi r-rikorrent xehed illi preżentement huwa għandu impjieg stabbli u li anke jieħu ħsieb il-*bar* ta' każin tal-banda ġewwa l-lokalita` tal-Ħamrun. Illi ċertament din l-aħħar imsemmija attivita` tlaqqa' lir-rikorrenti ma' kull ġeneru ta' nies u ma kull tip ta' sitwazzjoni. Minn dak li jirriżulta mill-fedina penali jirriżulta li, pero`, wara l-2007 ir-rikorrent ma kellu ebda tip ta' nkwiet ieħor mal-Pulizija.

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Renald Attard vs Kummissarju tal-Pulizija***, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fejn intqal is-segwenti:

*"Fil-fehma tal-qorti l-appellant ma kienx korrett meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq is-sempliċi fatt li kien hemm tliet sentenzi li ngħataw kontra l-appellat relatati ma' pussess ta' droga u ħsara fi proprjetà. L-eżerċizzju li kellu jagħmel kien imur oltre. L-appellant kellu jqis ċirkostanzi oħra li kienu rilevanti u mhux jibbaża d-deċiżjoni fuq fatt wieħed. Hekk biss seta' jasal għal deċiżjoni korretta li ma kienx fl-interess pubbliku li l-appellant jingħata liċenza ta' gwardjan privat."*

Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat meta jiġi biex joħroġ rifjut abbażi tal-interess pubbliku m'għandux neċessarjament jikkonċentra l-konsiderazzjonijiet tiegħu esklussivament fuq il-fedina penali tal-applikant. F'ċerti ċirkostanzi, speċjalment fejn ikunu għaddew numru ta' snin minn meta persuna tkun xellfet difrejha l-aħħar mal-ġustizzja, ikun għaqli li jiġu evalwati wkoll iċ-ċirkostanzi preżenti tal-applikant biex b'hekk il-Kummissarju intimat ikollu stampa iktar ċara ta' x'għamel l-applikant minn meta twettqu r-reati sal-ġurnata tal-eżami tal-applikazzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, jekk persuna tiżbalja

m'għandhiex tiġi kkunsidrata awtomatikament ta' theddida għall-interess pubbliku u li għalhekk m'għandhiex tiġi fdata bil-liċenzja *de quo* fl-interess pubbliku. Madankollu, it-Tribunal japprezza illi kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-merti tiegħu. Pero` fil-każ preżenti, in vista li għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta ġie mwettaq l-aħħar reat, u in vista li jidher, għallinqas minn dak li xehed ir-rikorrent, martu u Stephen Zammit, illi r-rikorrent għandu ħajja stabbli u jagħmel li jista' biex joqgħod 'il bogħod mill-inkwiet, huwa rakkomandat li l-Kummissarju intimat ma jistrieħx unikament fuq il-fedina penali tar-rikorrent biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu jekk kienx fl-interess pubbliku jew le li r-rikorrent jingħata l-liċenzja *de quo*. La darba l-Kummissarju intimat kellu diskrezzjoni tant wiesgħa x'jeżerċita, fil-fehma tat-Tribunal, f'dan il-każ kellu jeżerċitaha wara li jqis iċ-ċirkostanzi kollha preżenti tar-rikorrent u jevalwa jekk wara li r-rikorrent fil-passatt ikkommetta r-reati elenkati iktar 'il fuq kienx għamel sforz sabiex jimxi 'l quddiem bil-ħajja tiegħu. Fil-fehma tat-Tribunal ma jfissirx illi għax persuna tkun żbaljat numru ta' snin ilu, jekk hija tagħmel sforz biex ittejjeb ħajjitha, u jirnexxielha, din tibqa' kkunsidrata bħala xi theddida għas-soċjeta`. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Kummissarju intimat ma ta ebda raġuni lil dan it-Tribunal kif huwa ħass li ma kienx fl-interess pubbliku li joħroġ il-liċenzja *de quo*, lanqas ma ressaq 'il quddiem xi preokkupazzjoni konkreta li rriskontra fl-evalwazzjoni tiegħu, għajr li straħ fuq dak li rriżultaltu mis-sentenzi, liema sentenzi del resto ma tantx fihom dettall taċ-ċirkostanzi li sawwru l-inċidenti individwali stante li l-imputat f'kull ċirkostanza għażel li jirreġistra ammissjoni.

Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat għandha tiġi annullata sabiex isir eżerċizzju mill-ġdid tal-istess fid-dawl ta' dak li ntqal iktar' il fuq.

Illi finalment it-Tribunal jirrileva illi huwa ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ il-liċenzja *de quo*, u dan kif mitlub mir-rikorrent. Dan il-poter jibqa' dejjem riservat għall-Kummissarju intimat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi, fit-termini hawn fuq enunċjati, jilqa' l-appell tar-rikorrent u għalhekk qiegħed ihassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 1 ta' April, 2021, filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' eċċezzjoni u jiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tal-Kummissarju intimat.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**